**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 525/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Keith Schembri)**

**vs.**

**Amanda Borg Manduca**

Illum, is-7 ta' Novembru 2023

Il-Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Amanda Borg Manduca**, bint Stefan u Johanna nee Parnis England, residenti Hal Kaprat, Blokk A, Flat 2, Triq Braille, St. Venera, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru: 430990M, imwielda l-Pieta' nhar il-05/09/1990;

U akkuzatha talli:

1. Nhar it-tmintax ta' Mejiu elfejn u dsatax (18/05/2019) bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs) gewwa il-Gzejjer Maltin:

   B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor u dan ghad-dannu ta' Roxanne Borg;

2. Talli talli bejn l-ghoxrin ta' Meiju elfejn u dsatax (20/05/2019) u l-hamsa u ghoxrin ta' Meiju elfein u dsatax (25/05/2019) f'diversi hinijiet gewwa r-residenza 35, Villa Aventura, Triq Antonio Schembri, Kappara, San Gwann:

   Ikkommettiet serq ta' cekkijiet u dan ghad-dannu ta' nannitha Margaret Paris England liema serq hu aggravat bil-persuna;

3. Talli bejn l-ghoxrin ta' Mejju elfejn u dsatax (20/05/2019) u l-hamsa u ghoxrin ta' Mejju elfejn u dsatax (25/05/2019) f'diversi hinijiet gewwa l-Gzejjer Maltin:

   B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismifiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor;

4. Bil-hsieb li taghmel delitt, cioe' talli dolozament, bil-hsieb li tiffroda lil Margaret Parnis England b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor, u uriet dan il-hseib b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha.

Il-Qorti giet mitluba titratta lil Amanda Borg Manduca bhala recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilha jew ikunu jmissu lill-imputata jew huma propjeta' taghha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23 A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jigi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur taghha jkun jikkorrispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzata sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Margaret Paris England, Roxanne Borg u Mario Borg jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra min fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenzi tas-26 ta' Awwissu 2019[1] u tad-19 ta' Novembru 2020[2] rispettivament, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Rat li l-Avukat Generali nhar it-28 ta' Lulju 2021 formalment ipprezenta l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputata ghandha tigi aggudikata minn din il-Qorti u tinstab hatja u cioe[3]:

- Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikoli 23A u 23B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikoli 261(d), 268(b) u 281(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputata jekk ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata zmien xieraq biex twiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegbet li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz jigi

[1] Fol. 22 tal-atti processwali
[2] Fol. 263 tal-atti processwali
[3] Fol. 325 tal-atti processwali

trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-24 ta' Gunju 2021.[5]

Rat illi d-difiza implicitament ghalqet il-provi taghha nhar il-21 ta' Marzu 2023.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna zewg istanzi separati ta' allegati frodi imwettqa mill-imputata. L-ewwel incidenza tikkoncerna s-serq ta' cekkijiet minghand in-nanna taghha stess u l-attentat sussegwenti sabiex dawn jissarrfu minn naha tal-imputa. It-tieni incidenza tikkoncerna s-serq ta' cekkijiet u karta tal-identita` ghad-dannu ta' Mario Borg u l-attentat sussegwenti tal-imputata li thallas lil Roxanne Borg ghall-servizzi ta' *hairdressing* u prodotti tax-xaghar peremezz ta' wiehed minn dawn ic-cekkijiet hekk misuqa.

**Ikkunsidrat**

[4] Fol. 327 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 323 ta' l-atti processwali

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**Margaret Parnis England**[6] xehdet waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2019. Spjegat li l-imputata hija n-neputija taghha u kellha taghmel rapport mal-Pulizija wara li ma bdewx jahdmulha l-*cards* bankarji taghha. Wara li kkuntattjat lill-fergha tal-HSBC Bank Malta plc ta' San Gwann, giet infurmata li kien inhareg u ssarraf cekk fl-ammont ta' €5,000 mill-kont taghha. Spjegat li l-imputata l-ahhar li kienet iffrekwentat id-dar taghha kien ghall-habta ta' Mejju 2019 ghal ftit tal-hin kemm tara l-kelba taghha. Sostniet li l-firma fuq ic-cekk in kwistjoni ma kellha xejn x'taqsam mal-firma taghha izda minkejja dan issarraf. B'referenza ghac-cekkijiet ezebiti a Fol. 38-41 tal-atti, ix-xhud innegat li hija kienet iffirmat dawn ic-cekkijiet. Waqt is-seduta tat-28 ta' April 2022[7], ix-xhud iddikjarat li hija qed tahfer lill-imputata, li hija n-neputija taghha.

**Mario Borg**[8] xehed fl-istess seduta. Spjega li kien ghamel rapport mal-Pulizija minhabba li ghall-habta ta' Gunju 2019 kien insteraqlu basket li kien jikkontjeni affarijiet bhal cwievet, *cheque book* (tal-Bank of Valletta), *mobile phone*, karta tal-identita`, etc. Zied li eventwalment kien gie kkuntattjat mill-Ghassa ta' San Giljan minhabba li kienu nstabu c-*cheque book* u l-karta tal-identita` tieghu fuq terza persuna.

**Roxanne Borg**[9] xehdet fl-istess seduta. Hija ghamlet rapport mal-Pulizija minhabba li l-imputata Amanda Borg Manduca kienet hallset ghal servizzi ta' *hairdressing* kif ukoll ghal prodotti tax-xaghar permezz ta' cekk ta' certu Mario

[6] Fol. 26-35 tal-atti processwali
[7] Fol. 440-442 tal-atti processwali
[8] Fol. 49-51 tal-atti processwali
[9] Fol. 53-64 tal-atti processwali

Borg li kienet qalet li hu r-ragel taghha. Dan sehh fit-18 ta' Mejju 2019. L-imputata kienet dahlet fil-hanut flimkien ma zijitha Margaret Parnis England, li kienet ukoll klijenta tax-xhud. Is-servizz kien sewa €90 u Parnis England offriet li thallas hi. Eventwalment, l-imputata ghazlet ukoll xi prodotti u talbet lix-xhud biex tirritornalha d-€90 kontanti u qaltilha li kienet ser taghmlilha cekk ta' kollox f'daqqa. Ic-cekk imtela' mill-imputata fil-prezenza tax-xhud biss kien jidher li diga` kellu l-firma fuqu. Kienet urietha ukoll il-karta tal-identita` tar-"ragel". Ix-xhud kienet iddepozitat ic-cekk in kwistjoni (li kien ghall-ammont ta' €295), izda eventwalment ircevietu lura mill-bank ghax gie *referred to drawer*.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta xehed fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019[10]. Ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBE-253 hija tal-marka Isuzu Cargo u tghajjat lil certu Mario Borg sa mill-15 ta' Jannar 2018.[11] Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-imputata Amanda Borg Manduca ghandha l-licenzja tas-sewqan revokata minhabba akkumulu ta' punti penali izda ghadha ma gietx ritornata lill-Awtorita`.

**PS 345 Mark George Cremona,** stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan xehed fl-istess seduta[12]. B'referenza ghar-rapport ezebit a Fol. 16 ikkonferma li kien hadu hu, wara li fil-5 ta' Gunju 2019 kien rappurtat certu Roxanne Borg li l-imputata kienet hallsitha s-somma ta' €297.75 b'cekk li eventwalment ma kienx ghadda. Borg kienet spjegat li meta hallset bic-cekk, l-imputata kienet urietha l-karta tal-identita` ta' persuna bl-isem ta' Mario Borg. Meta x-xhud ikkuntattja lil dan Mario Borg, qallu li ftit qabel kien insteraqlu *pouch* li fih kellu c-*cheque book* u l-karta tal-identita`.

[10] Fol. 105-106 tal-atti processwali
[1111] Dok SC1, Folio 107-112 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 113-117 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **PS 780 Ian Camilleri**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan[13]. Spjega li fil-25 ta' Mejju 2019 kienet ghamlet rapport Margaret Parnis England wara li l-HSBC Bank Malta plc kienu infurmawha li l-kont taghha kien gie maghluq minhabba suspettata attivita` frawdolenti, senjatament tlett cekkijiet mahruga f'isem Amanda Borg Manduca, li hija n-neputija taghha. Ic-cekkijiet kienu fl-ammont ta' €1,000, €5,000 u €50,000 rispettivament. L-ewwel zewg cekkijiet kienu ssarrfu izda dak ta' €50,000 ma kienx issarraf minhabba suspett ta' frodi.

Fl-istess seduta xehdet **WPC 345 Monique Mangion**, stazzjonata fl-Ghassa ta' San Giljan[14] li kkonfermat li kienet hi li hadet ir-rapport ezebit a Fol. 14 tal-atti.

**L-Ispettur Leeroy Balzan Engerer**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, xehed fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020[15]. Ix-xhud ikkonferma l-fatti dwar ir-rapporti relattivi u kompla jispjega li nhar il-25 ta' Awwissu 2019 huwa kien ha l-istqarrija tal-imputata wara li din kienet ghazlet li titkellem mal-Avukat Dr Peter Borg Costanzi. L-imputata ma wiegbet ghall-ebda mid-domandi u ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija. Informalment, l-imputata kienet qalet lix-xhud li kienet ghamlet zmien fis-sezzjoni DDU fl-Isptar Monte Carmeli u kien ghalhekk li kien difficli li tigi rintraccjata. Kien biss wara li l-imputata innifisha marret biex taghmel rapport rapport dwar theddid li giet rintraccjata u eventwalment mitkellma.

**L-Ispettur Clayton Camilleri**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Qawra xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2020[16]. B'referenza ghar-rapport ezebit a Fol. 9 tal-atti, ix-xhud spjega li in segwitu tal-imsemmi rapport, kien ta struzzjonijiet lill-

[13] Fol. 118-123 tal-atti processwali
[14] Fol. 124-125 tal-atti processwali
[15] Fol. 129-139 tal-atti processwali
[16] Fol. 176-178 tal-atti processwali

ufficjali tieghu sabiex jikkuntattjaw lill-Bank of Valletta plc u jigbru l-informazzjoni necessarja.

**WPC 31 Suzanne Muscat**, stazzjonata fl-Ghassa tal-Mosta xehdet fl-istess seduta u b'referenza ghar-rapport appena riferit, spjegat li dan kien gie maghmul minn Mario Borg fl-14 ta' Mejju 2019 u kien jittratta dwar il-fatt li insteraqlu pouch bic-*cheque book* u l-karta tal-identita` mill-vann tieghu waqt li kien ipparkjat fi Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar. Imbaghad fis-17 ta' Mejju 2019 l-istess Borg kien irrapporta li minn informazzjoni li tah Bank of Valletta plc, kien hemm attentat li jissarraf cekk minn tieghu. In kontro-ezami spjegat li ma kienx disponibbli filmat CCTV tal-allegat serq mill-vann izda kien hemm filmat mill-kamera tal-Bank fejn irrizulta li kien persuna maskili li pprova jsarraf ic-cekk.

**WPS 418 Annalise Theuma,** stazzjonata fl-Ghassa ta' San Giljan xehdet fl-istess seduta[17]. Filwaqt li referiet ghall-istqarrija tal-imputata a Fol. 20, gharfet il-firma taghha fuq id-dokument. Ikkonfermat ukoll li qed taghraf li l-imputata prezenti fl-awla hija l-istess persuna li taghha ttiehdet l-istqarrija.

**L-Eks Spettur Matthew Spagnol** xehed fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020[18]. Ix-xhud spjega li huwa kien investiga r-rapport dwar uzu frawdolenti ta' cekkijiet u kien fil-fatt gabar kopji tac-cekkijiet in kwistjoni minghand HSBC Bank Malta plc u kien ordna li jingabru ukoll filmati CCTV mibgura mill-fergha tal-istess bank f'San Pawl il-Bahar. Huwa gharaf u kkonferma r-rapport dwar din l-incidenza ezebit a Fol. 30 tal-atti. Spjega li ma kellux involviment ulterjuri ghax ftit wara huwa kien halla l-Korp tal-Pulizija.

[17] Fol. 187-189 tal-atti processwali
[18] Fol. 249-252 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Mark Fenech** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc[19]. Iccara li kien hemm ufficjal iehor bl-isem ta' Rita Farrugia li kienet hadmet fuq il-kaz relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni li izda kienet halliet il-kariga. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021[20], ix-xhud gie riprodott u ezebixxa kopja tal-fajl li ghandu l-Bank dwar l-incidenzi in ezami.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 xehdet **Rita Farrugia**, eks-*Fraud Manager* ma HSBC Bank Malta plc[21]. Wara li x-xhud giet debitament ezentata mis-sigriet bankarju, spjegat li hija kienet ikkollaborat mal-Ispettur Matthew Spagnol lura f'Mejju 2019 rigward allegat uzu frawdolenti ma cekkijiet kontra l-kont ta' klijenta bl-isem ta' Margaret Parnis England. Hija kienet ghaddiet kopja tac-cekkijiet suspettuzi kif ukoll *account history*. Is-suspetti kienu qamu minn naha tal-ferghat involuti u kienu dwar l-awtenticita` tal-firma ta' Parnis England fuq ic-cekkijiet. Ix-xhud giet riprodotta fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021[22] fejn wara li rat il-kopja tal-fajl ezebita in atti, spjegat li dan id-dokument jikkontjenti dikjarazzjonijiet mill-*managers* tal-ferghat ta' San Pawl il-Bahar u ta' San Gwann dwar cekkijiet suspettuzi li pruvaw isarrfu l-imputata u s-sieheb taghha Curtis Bakoush.

**Annabelle Bugeja**, ufficjal fid-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* xehdet fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022[23]. Ix-xhud ipprezentat *Social Inquiry Report* maghmul fir-rigward tal-imputata. Tat aggornamenti fis-seduti tad-19 ta' Jannar 2023[24] u tal-21 ta' Marzu 2023 rispettivament.[25]

[19] Fol. 253-257 tal-atti processwali
[20] Fol. 289-290 tal-atti processwali
[21] Fol. 274-276 tal-atti processwali
[22] Fol. 313-314 tal-atti processwali
[23] Fol. 447-449 tal-atti processwali
[24] Fol. 597-601 tal-atti processwali
[25] Fol. 200-203 tal-atti processwali

Il-Psikologa **Gail Debono**, adetta fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, xedhet fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[26]. Spjegat li fil-fehma professjonali taghha, l-imputata hija afflitta minn *borderline personality disorder, anti-social personality disorder* u ADHD. Spjegat li frott ta' dawn il-kundizzjonijiet, hemm it-tendenza li l-imputata tagixxi b'mod impulsiv u li tirreagixxi ghal sitwazzjonijiet b'mod li huwa sproporzjonat. Ikkummentat li rat titjib gradwali fl-attitudni u l-kooperazzjoni minn naha tal-imputata tul it-trattament taghha. Tikkonkludi li l-imputata hija fuq it-triq it-tajba biex tigi ri-introdotta fis-socjeta` ladarba tohrog mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti, jidher li fir-rigward tal-incidenzi mertu ta' dawn il-proceduri, l-imputata kienet tat stqarrija[27] nhar il-25 ta' Awwissu 2019 fl-ufficcju tal-Ispettur Leeroy Balzan Engerer fl-Ghassa ta' San Giljan fil-prezenza ukoll ta' WPC 418 Annalise Theuma.

L-Imputat giet moghtija s-soliti drittijiet qabel ma giet mitkellma u fil-fatt ghazlet li tikkonsulta mal-Avukat Dr Peter Borg Costanzi.

Fl-istqarrija, l-imputata ghazlet li ma tiffirmax, tista' tghid li l-istess imputata ghazlet li ma twiegibx ghall-ebda domanda li saritilha dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

[26] Fol. 204-214 tal-atti processwali

[27] Fol. 20-21 tal-atti processwali

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[28], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, **ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'**. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

[28] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[29] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[30]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[31] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[32] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt*" moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course*

[29] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[30] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[31] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

[32] deciz 5/12/1997

*it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[33]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid

[33] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta'*

*htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[34] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern,*

[34] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[35] gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur*

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[36] fejn inghad li

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv)*

[35] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

[36] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[37] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

---

[37] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[38] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[39]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa,*

[38] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998
[39] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun*

*jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid[SEP]jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del*

*carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[40] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**[41] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

[40] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[41] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputata hija akkuzata talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Margaret Parnis England liema serq huwa aggravat bil-persuna stante li l-vittma tigi n-nanna taghha.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[42]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din

[42] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[43]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravju tas-serq li bihom giet mixlija l-imputata f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-persuna. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputata u li jinkorporaw biss dawn l-aggravju.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal- persuna f'serq huwa skond dak dispost fl-artikoli 261(d). Ghar-rigward l-aggravju tal-persuna, il-ligi taghti

[43] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

diversi cirkostanzi fejn tghodd u f'dan il-kaz qieghed issir referenza ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (b) meta r-reat issir mill-mistieden jew minn xi hadd tal-familja tieghu, fid-dar fejn ikun milqugh bhala mistieden jew, taht l-istess cirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi hadd tal-familja tieghu bi hsara tal-mistieden jew ta' xi hadd tal-familja tieghu.

**Ikkunsidrat**

**Provi ulterjuri li tresssqu**

Il-prosekuzzjoni esebit rapport tal-pulizija bin-numru NPS 9/V/2230/2019[44] u bin-numru NPS 6A/N/3371/2019 fejn hemm rapportat minn Roxanne Borg, Mario Borg u minn nanna ta' l-imputata Margaret Parnis England dwar serq ta' diversi oggetti kif ukoll li l-imputat sarrfet cekkijiet tan-nanna taghha ghas-servizzi.

Illi c-cekks f'isem l-imputata fejn hemm il-firem foloz skont ix-xhud Margaret Parnis England kollha jidhru bhala li gew imsarfa mill-*account statement* ta' l-istess xhud.[45]

**Ikkunsidrat**

Illi minn ezami tal-provi u dan anke wara li l-Qorti qiset is-sottomissjonijiet tal-partijiet jirrizulta li l-imputata kienet qeda tinqeda bl-uzu ta' cekkijiet sabiex tkun tista isarraf flus u ikollha l-fondi sabiex tghix u tgawdi. Illi dawn l-atti saru ghaliex l-imputata, b'mod makkak kienet qeda tivvinta stejjer ma l-istess vittmi sabiex jirnexxilha fil-ghan taghha. Illi fil-ghan taghha, l-imputata kienet ipprezentat il-karta ta' l-identita taghha kif ukoll ta' persuna ohra sabiex tinganna l-vittmi. Irrizulta mill-atti wkoll li l-imputata kienet iffirmat dokument konsistenti f'cekk li qatt ma kellha l-jedd li tiffirma. B'konsegwenza

[44] Dok CB3 u CB4, Folio 9-19 ta' l-atti processwali
[45] Folio 42-48 ta' l-atti processwali

ta' dan l-agir kien irnexxilha tikonvinci lil Roxanne Borg sabiex tghaddilha somma flus u prodotti. Illi l-vittma baqghet li qatt ma setghet isarraf ic-cekk u baqghet sal-gurnata tal-lum qatt ma hadet il-flus jew prodotti lura.

Illi ghar-rigward dak li gara man-nanna taghha, is-sinjura Margaret Parnis England jidher li l-imputata abbuzat minn mara anzjana kif ukoll il-fatt li l-persuna in kwistjoni kienet in-nanna taghha u ghaldaqstant kellu ikollha is-serhan tal-mohh ta' fiducja minn neputija taghha li tifforma parti mill-familja domestika taghha. Il-prosekuzzjoni esebit kopja ta' cekkijiet li kellhom ikunu ffirmati minn Margaret Parnis England f'isem l-imputata. Waqt ix-xhieda taghha gie ikkonfermat li dik il-firma qatt ma kienet taghha u wisq anqas qatt ma harget dwak ic-cekkijiet lill-imputata. Il-konsegwenza ta' dan huwa li l-imuptata spiccat sarfet zewg cekkijiet fl-ammont totali ta' sitt elef Ewro. Irrizulta wkoll li l-istess imputata ma kelliex hsieb li taghmel din il-azzjoni darba ghaliex itentat li tkompli isarraf cekkijiet ohra f'isem nannitha. Id-difiza tenniet li kemm il-darba n-nanna taghha ghazlet li tahfer u tirrinunzja allura din il-Qorti ghandha tghaddi sabiex tillibera lill-imputata.

Il-prosekuzzjoni minn naha taghh itenni li r-reati li jikkoncerna lil Margaret Parnis England huma ex officio u x-xhieda tal-vittma ma tistax tigi skartata issa li xehdet jew tigi sfilzata.

Il-Qorti tqis li kemm il-darba xehdet il-vittma, din il-Qorti hija marbuta li tevalwa u tezamina din ix-xhieda fid-dawl tal-fatti u l-akkuzi li nhargu. Il-mahra tan-nanna fil-konfront tan-neputija taghha sejra tigi meqjusa ghall-finijiet ta' piena.

Madankollu ghar-rigward ir-raba imputazzjoni fir-rinviju ghal-gudizzju, l-Avukat Generali naqas milli jindika l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali li bih jakkuzaha ta'attenat ta' reat. Din il-Qorti hija bil-fors marbuta b'dak li hemm

imnizzel fl-artikolu ghall-gudizzju u din il-Qorti ma ghandiex id-diskrezzjoni li taghzel artikoli hi x'tapplika li ma humiex indikati mill-Avukat Generali.

Ghaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tqis li l-ewwel tlett imputazzjonijiet gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi tqis li r-raba wahda ma gietx ipprovata u sejra tghaddi sabiex issib htija fuq l-ewwel tlett imputazzjoni filwaqt li tillibera fuq ir-raba imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputata tressqet tali hija recidiva skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Madankollu l-prosekuzzjoni ma esebiet ebda sentenza in sostenn ta' dan l-adebitu. Minn ezami tal-fedina penali jirrizulta li l-imputata instabet hatja diversi drabi ta' reati simili jew l-istess ghal dak li bihom tressqet fejn inghatat Ordnijiet ta' Probation skont l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu stante li l-imputatata kienet tqieghdet taht Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward Il-Qorti taghmel referenza sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004 kif ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Ghaldaqstant kull Ordni ta' Proabtion indikata fil-fedina penali ma tistax tigi kkunsidrata bhala prova tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Nonostante dan kollu, il-Qorti xorta wahda tqis li l-fedina penali mhix l-ahhjar prova ghall-adebitu tar-recidiva u sejra tikkonsidra l-addebitu tar-recidiva bhala mhix provata u sejra tillibera minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputata.[46] Il-fedina penali ta' l-imputat tindika li l-imputata fil-fatt kienet instabet hatja ta' reati ta' pussess ta' droga kannabis, serq ta' gojjelerija u cekkijiet a dannu ta' ommha, kif ukoll ksur ta' kondizzjonijiet abbinati mal-helsien mill-arrest. Jidher palezi li ftit li xejn kien hemm kambjament fid-disposizzjonijiet tal-imputata in segwitu ta' dawn l-incidenzi passati, tant li llum qed tigi mixlija b'reati ta' natura simili. Il-Qorti madankollu, fic-cirkostanzi, tinnota li sfortunatament, il-*common denominator* wara l-infrazzjonijiet tal-imputata mal-ligi tista' tghid li kien il-vizzju ta' abbuz minn sustanzi illeciti li hija mahkuma minnu.

- Illi dan jirrizulta mid-diversi rapporti ta' l-ufficjal tal-probation li segwiet lil-imputata tul il-mori tal-proceduri permezz ta' Ordni Provizorja ta' Supervizjoni. Jidher li waqt il-perjodu ta' inkarcerazzjoni li minnu ghaddiet l-imsemmija imputata, kien ikaratterizzat minn fazijiet fejn irrifjutat ghajnuna professjonali, waqt li fi fazijiet ohra uriet motivazzjoni sabiex tibda tindirizza l-fatturi important li jiffacilitaw iz-zamma 'l boghod mill-hajja kriminogenika u l-abbuz tad-droga. Illi dan huwa wkoll kkonfermat permezz tal-*pre-sentencing report* li gie sar mill-istess ufficjal tal-probation.

- Mill-istess rapport tal-probation jirrizulta li l-imputata kisret kull Ordni ta' Probation li nghatat kif ukoll hemm nuqqas ta' hiliet sabiex tindirizza

[46] Folio 8 ta' l-atti processwali

diffikultajiet li tiltaqa' maghhom fil-hajja ta' kuljum 'il-barra minn xi istituzzjoni u dan minhabba l-fatt li hemm nuqqas ta' motivazzjoni min-naha taghha sabiex tindirizza din il-problema kif ukoll milli tikkopera mal-professjonisti involuti li jahdmu maghha meta hi tkun barra fis-socjeta.

- Ma rrizultax li l-imputata hallset lura r-rikavat naxxenti mill-azzjonijiet frawdolenti taghha, izda din il-Qorti semghat lil Margaret Panis England tahfer lill-imputata li hija n-neputija taghha kif ukoll tinnota li l-kwerelanti Mario Borg u Roxanne Borg it-tnejn ghamluha cara li mhux qed ifittxu piena harxa fil-konfront tal-imputata. Il-Qorti tqis ukoll li sa fejn huma koncernati dawn l-ahhar zewg kwerelanti, l-ammonti involuti kienu pjuttost zghar.

- Wahda mill-vittmi, u cioe in-nanna ta' l-imputata Margaret Parnis England hafret u rrinunzjat ghal-proceduri penali kontra l-imputata safejn huwa possibli u dan wara li kienet diga xehdet.

- L-Avukat Generali fir-rinviju ghal-gudizzju talab lil Qorti sabiex tapplika l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Jimmy Mifsud**[47] fejn intqal li talba ta' Ordni ta' Protezzjoni tista tinhareg biss waqt il-gbir tal-provi fir-rigward tal-allegati vitmi li ghandhom bzonn il-protezzjoni tal-Qorti. Din il-Ordni tista tinghata biss *pendente lite* u ma tistax tinhareg fil-konfront ta' persuna misjuba hatja. Il-Qorti ghandha biss is-setgha illi mad-decizjoni finali taghha tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali jew tista biss torbot lill-hati b'garanzija fil-konfront tal-parti leza ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk ordni mahruga skont l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ma ssibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' htija hekk kif gie ikkonfermat ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija vs Leonard Cutajar.**[48]

[47] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, 24 ta' Awwissu 2020, Appell Nru: 56/2021
[48] Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' April 2017

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17; 23A; 23B; 31; 49; 50; 261(d); 268(b); 281(a); 308; 309; 310(1)(c); 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Amanda Borg Manduca **hatja** ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontriha u **mhux hatja** tar-raba imputazzjoni dedotta kontrih kif ukoll ta' l-addebitu tar-recidiva u tillibera minn kull htija u piena dwarhom.

Ghar-rigward il-piena il-Qorti tikkundanna lill-imputata prigunerija ghal hmistax (15) il-xhar li bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tissospendi l-piena ghal zmien tlett (3) mill-illum.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilita taghha fir-rigward tas-sentenza sospiza.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hatja taht **Ordni ta' Supervizjoni** ghal tlett snin u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputata u li permezz taghha hija tkun tista tigi mgħejjuna tindirizza l-vizzju tad-droga li ghandha, il-Qorti wara li rat l-Artikolu **412D** tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħatja taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett (3) snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23A u 23B tal-Kodici Kriminali tordna l-**konfiska** favur il-Gvern tar-rikavat li jiġimir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum, is-7 ta' Novembru 2023 , fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**